# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)

**Rikors Numru: 205/15 CSH**

**John Camilleri**

**Vs**

**Anton Abela**

**Illum 16 ta' Dicembru, 2015.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Lulju, 2015 mir-rikorrent John Camilleri fejn talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimat Anton Abela jhallsu l-ammont ta' tlett elef sitt mija w seba' Ewro u sebgha w erbghin centezmu (€3607.47) rapprezentanti servizz ta' kiri ta' vetturi minnu mitluba w minkejja diversi interpellazzjonijiet ghal dan il-hlas huwa baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali 345/15, bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv u b'hekk il-konvenut jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond riferti pozittivi tal-Marixxall Eugenio Mallia datati l-1 ta' Ottubru, 2015 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tal-attur, fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar u fl-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar (fol. 10 tergo).

Rat li saret pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' Ottubru, 2015 (fol. 9), kif ukoll fil-gazzetta lokali "Times of Malta) tat-18 ta' Novembru, 2015. (fol. 14).

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2015 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2015 il-konvenut ma deherx.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal- attur jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut Anton Abela jhallas lill-attur is-somma ta' tlett elef, sitt mija w seba' Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€3607.47) ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors promotur. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali 345/15 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv a karigu tal-konvenut.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**